III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI EUPOL COPPS/1/2008 TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ

**tas-16 ta' Diċembru 2008**

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani**

(2008/970/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK tal-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tagħha,

Billi:

1. Taħt l-Artikolu 11(2) tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK, il-KPS huwa awtorizzat, konformement mal-Artikolu 25 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet adegwati sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u ta' tmexxija strateġika tal-Missjoni EUPOL COPPS, u partikolarment id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.

2. Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra tas-Sur Paul Kernaghan bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sur Paul Kernaghan huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) mill-1 ta' Jannar 2009 'il quddiem.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009.

Magħmula fi Brussell, 16 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

I. SRAMEK

---

[1] ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.